MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 615/2007

**Raymond Buhagiar**

**vs**

**Three Cats Holdings Limited (C20517)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokument esibiti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Art. 836 tal-istess Att.

Ikkunsidrat illi skond l-Art. 873 (2) tal-Kap. 12, li a tenur tieghu jintalab il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni:

“Il-Qorti m’ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.”

Fil-kaz in ezami il-persuna li qed tallega li ghandha jedd fil-konfront tas-socjeta’ rikorrenti odjerna m’ghandha ebda relazzjoni guridika mal-istess socjeta’. Il-Qorti kif diversament presjeduta ga kellha iktar minn okkazjoni wahda biex tikkonferma dan. Din il-Qorti hi tal-fehma li s-sitwazzjoni ma nbidlet bl-ebda mod.

Raymond Buhagiar jikkontendi bidla fic-cirkostanzi a tenur tal-Art. 836 (5) peress illi issa hemm konvenju ghall-bejgh tal-propjeta’ in kwistjoni. L-ezistenza ta’ dan il-konvenju m’ghandha ebda rilevanza f’dawn ic-cirkostanzi. Il-possibilita ta’ bejgh tal-propjeta’ dejjem kienet hemm, u ghalhekk saru diversi tentattivi ghall-hrug ta’ mandati ta’ inbizzjoni.

Il-Qorti tqis li dan il-konvenju ma jirradika ebda dritt lil Raymond Buhagiar.

Ic-cirkostanza ewlenija tac-cahdiet precedenti ghat-talbiet tieghu ghall-mandati ta’ inibizzjoni tibqa’ il mankanza ta’ relazzjoni tieghu mas-socjeta rikorrenti odjerna li hija enti distinta li fuq il-propjeta’ taghha Raymond Buhagiar ma jidher li ghandu ebda jedd.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa’ l-ewwel talba, tordna r-revoka tal-mandat ta’ inibizzjoni Nru. 722/07 fil-konfront ta’ Three Cats Holdings Ltd.,

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------